# Wistin Camilleri, Uliedu u x-Xewkija

Grazio A. Grech

Din is-sena, 2012, jaħbat għeluq il-mit sena mindu fil-festa titulari tax-Xewkija ġiet imżanżna l-istatwa ta' San Ġwann Battista għad-dimostrazzjoni. Din l-istatwa, lokalment magħrufa bħala, *'iċ-Ċavett'*, saret mill-artist Għawdxi, il-Kav. Wistin Camilleri.

Il-Kav. W. Camilleri twieled fis-sena, 1885, fil-Belt Victoria, Għawdex. Studja taħt il-Ġiżwita Filuppu Casimo, is-Seminarju ta' Għawdex. Wara, kompla l-istudji tiegħu taħt diversi pitturi, fosthom; Pietru Canonica, Pezzardi, u Filippo Coppa. Tħarreġ ukoll fl-iskola tal-Arti tal-Gvern fil-Belt Valletta u fl-*Accademia di San* Luca, Ruma. Xogħlijiet minn tiegħu jinsabu mxerrda kemm fil-gżejjer Maltin kemm barra minn Malta. Matul ħajtu wettaq xogħlijiet fid-disinn, skultura fil-ġebla, xogħol fil-konkrit u t-tafal, waqt li għamel għadd kbir ta' statwi fil-kartapesta. Ta' min jgħid li W. Camilleri kien president u xenografu tal-kumpanija teatrali, *La Forza dell'Unione*, li kienet teżisti fil-Belt Victoria fis-snin għoxrin u tletin tas-seklu li għadda. Wistin ħalla din id-dinja f'Lulju, 1979.

Wieħed mill-ewwel xogħolijiet tiegħu bħala statwarju kienet l-istatwa ta' San Kaloġeru għall-Patrijiet ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Din saret fis-sena 1909. Wara, insibu l-istatwa ta' San Tarċisju għall-knisja ta' Savina li saret fis-sena 1910. Fis-sena 1912, għall-festa ta' Santa Marija, iċċelebrata fil-Belt Victoria, mis-Soċjetà Filarmonika 'Leone', iżżanżnu l-istatwi tal-erba` Eroini, jiġifieri, dik ta' Ġuditta, Ester, Deborah, u Ġael.

Ir-rivisti, *Id-Devot ta' Marija,* u *Il Messaggiere di Maria* ta' Lulju, 1912, jgħarrfuna li għall-festa ta' San Ġwann Battista tas-sena 1912, iżżanżnet l-istatwa ta' San Ġwann Battista. Mill-banda l-oħra l-ġurnal, *Malta Tagħna* tat-13 ta' Lulju, 1912, għarrafna, mhux biss li kienet ġiet imżanżna l-istatwa ta' San Ġwann Battista, imma li kien ġie wkoll imżanżan il-pedistall li fuqu tpoġġiet l-istatwa tal-patrun tax-Xewkija



wara dimostrazzjoni bl-istess statwa. Ta' min jinnota li l-pedistall kien sar minn Pawlu u Toni Żammit u l-iskultura tal-faċċata u l-erba' pilandri tiegħu kienu xogħol ta' Ġuze' Hili (ta' Żerrek). Ta' min jgħid, iżda, li kien hemm żmien meta flok il-pilandri ta' isfel tal-pedistall kienu jitpoġġew erba' anġli, xogħol ta' Ġużeppi Agius (il-Brejbex). Illum, dawn l-anġli, jintramaw fi Triq il-Knisja.

Iżda, waqt li gazzetta lokali tgħarrafna li d-disinn



saret il-vara ta' San Ġwann Battista jgħammed lil Kristu u bdiet tiġi mtellgħa fuq il-pedistasll flok l-istatwa l-oħra. Fil-fatt, billi issa din l-vara, xogħol ukoll tal-Kav. Wistin Camilleri, hi magħmula mill-figura ta' San Ġwann u dik ta' Kristu, saret modifikazzjoni tal-pedistellata tal-pedistall fejn kellha titpoġġa l-vara. Dan ix-xogħol sar minn Toni Tabone. Tajjeb li wieħed jinnota li xi snin wara li żżanżnet din il-vara, il-figura ta' Kristu, kawża ta' riħ qawwi, kienet waqgħet minn fuq il-pedistall, u kienet ġiet irrestawrata mill-ġdid minn W. Camilleri. Intant, fil-bidu tas-snin tmenin, kemm il-figura ta' San Ġwann, kemm dik ta' Kristu, minħabba nuqqas ta' ftehim, kienu reġgħu waqgħu minn fuq il-pedistall. Għal darb'oħra, dawn l-istatwi sabu ruħhom għand Wistin Camilleri biex jirrestawrahom.

Sadanittant, l-istatwa ta' San Ġwann (*iċ-Ċavett*), wara, li kienet tiddawwar f'dimostrazzjoni, kienet bdiet tiġi mtella' fi Triq San Żakkarija, iżda maż-żmien, anki minn hawn kellha titneħħa, biex tagħmel il-wisa', u flokha tittella' l-istatwa ta' San Ġwann bil-ħarufa, magħrufa bħala San Ġwann iż-Żgħir. Din l-istatwa ta' San Ġwann iż-Żgħir hi wkoll xogħol ta' Wistin Camilleri u żżanżnet fis-sena 1945, meta fix-Xewkija saru festi ċentinarji mill-miġja fl-1845 tal-istatwa titulari, xogħol ta' Pietru Pawl Azzopardi. Interessanti l-fatt li l-istatwa ta' San Ġwann iż-Żgħir kienet ġiet imħallsa mill-familja *'Ta' Ħakku'*, u fil-festi li kienu

tal-pedistall sar minn Ċensu Busuttil, ix-Xewkin jattribwixxu dan id-disinn lis-Sur Lorenzo Zammit Haber. Lorenzo Zammit Haber, patrijott kbir Xewki, fis-sena, 1902, ħallas il-mixegħla tal-faċċata tal-knisja li kienet iddawlet bl-aċitelena. Fis-sena 1923, is-Sur Zammit Haber, kien l-ewwel riċevitur tal-ewwel banka tal-Lottu, Nru 89, li kien hawn fix-Xewkija. Fl-1903, kien inħatar Deputat Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika 'Leone'.

Fil-festa tal-Battista tas-sena 1913 iżżanżnet statwa oħra, xogħol ta' Wistin Camilleri. Din kienet tirrappreżenta lil Sant' Elija, iżda sfortunatament, din l-istatwa kienet waqgħet u ġratilha ħafna ħsara u ma għadhiex tintuża. Ta' min jgħid li fil-festi ad unur San Ġwann Battista tas-snin, 1912 u 1913, kienet ħadet sehem il-banda 'Leone' u tħallset £4 (EUR 9.32) u £4 15s (EUR 11.07) rispettivament. Il-mużika li ħadet sehem fil-festa tal-1912 kienet ta' Dun Vinċenz Bugeja. It-tiżjin tal-pjazza f'dak iż-żmien kien fdat f'idejn il-mastrudaxxa, Toni Tabone.

L-istatwa ta' San Ġwann Battista (*iċ-Ċavett*) baqgħet tiġi mtella' fuq il-pedistall fil-misraħ ewlieni tax-Xewkija sas-snin tletin. Dan għax f'dik il-era kienet



saru dakinhar, kienu ħadu sehem il-baned, 'Leone', 'La Stella', 'San Ġiljan' u 'La Valette', waqt li Mro Pawlu Lanzon kien ħa sehem bil-mużika fil-funzjonijiet tal-knisja.

Wara li l-istatwa ma baqgħetx tittella' fi Triq San Żakkarija, bdiet tiġi mtellgħa fil-kantuniera tat-triqat Indipendenza u Triq il-Mithna. Minn hawn, fis-sena 1999, din l-istatwa bdiet tiġi meħuda b'marċ mill-każin tal-banda 'Prekursur' u mdawra mal-inħawi residenzjali tal-Ħamrija u wara mtellgħa fuq pedistall. Hekk għadu jsir sal-lum.

Statwi oħra ta' W. Camillri li jinsabu x-Xewkija huma s-sett ta' statwi tal-Passjoni. Dawn saru fl-ewwel nofs tas-snin għoxrin tas-seklu li għadda. Dawn jinkludu, Kristu fl-Ort, il-Marbut, tal-Kolonna, il-Veronika, ir-Redentur, il-Vara l-Kbira u l-Monument. Ma' dawn l-istatwi fil-knisja Arċipretali tax-Xewkija nsibu wkoll l-istatwa ta' Santa Rita li saret fis-sena 1924. Barra dan, Wistin Camilleri għandu wkoll xi kurċifissi f'dan ir-raħal, fosthom dak li kien hemm fiċ-ċirklu tal-Isem Imqaddes ta' Alla fi Triq San Pubbliju.

Mir-reġistru tal-eżitu tas-sena 1920, nafu li Wistin Camilleri tħallas is-somma ta' £6 għal erba' anġli, waqt li fl-1922, l-mastrudaxxa Toni Tabone, tħallas ħames liri u tnax-il xelin u nofs għal xogħol ta' 4 pedistalli u xi xogħol ieħor fil-knisja. Ta' min jgħid li dawn l-anġli kienu jintramaw fuq il-palk li kien jintrama qabel dak li hemm illum u għadhom jintramaw fl-okkażjoni tal-kwaranturi u mas-sepulkru.

L-ewwel ħjiel li fix-Xewkija kien se jsir palk għall-banda jmur lura lejn nofs is-snin għoxirn. Dan għaliex fis-sena 1924, kien sar ħlas ta' £6 lil Mikelanġ Galea, proprju għall-palk tal-banda, *'...pagati al Sig. Michelangelo Galea per legno per il palco dove suona il Filarmonica.'* Il-ħlasijiet lil Mikelanġ Galea komplew fis-snin ta' wara. Dan jindika ċar li dan il-palk tal-banda tlesta fis-snin għoxrin, mill-mastrudaxxa Toni Tabone. Kien fuq dan il-palk kwadrant - disinn tal-Kav. Lorenzo Zammit Haber - li kienu jitpoġġew l-erba' anġli li diġà semmejt. Dan il-palk, kif għidt, kien jintrama matul il-jiem tal-festa. Kien fil-bidu ta' dan is-seklu, li ħadlu postu l-planċier ġdid li għamlet il-banda 'Prekursur'

Xogħolijiet oħra li Wistin Camilleri għandu fix-Xewkija, jinkludu, il-*bassoriljiev* li jirrappreżenta L-Erwieħ tal-Purgatorju. Dan il-*bassoriljiev,* li jinsab mal-faċċata tal-mitħna li hemm qabel ma' tidħol ix-Xewkija, sar minn Wistin Camilleri wara suġġeriment ta' Fortun Camilleri. Statwa oħra ta' W. Camilleri, skolpita fil-ġebla, hi dik ta' San Pubbliju li tinsab f'niċċa fi triq li ġġib l-istess isem, u fil-każin tal-banda 'Prekursur' insibu wkoll statwa ta' San Ġwann.




### *Xogħol ulied Wistin*

Tlieta minn ulied Wistin Camilleri għandhom xogħol fil-knisja arċipretali tax-Xewkija. Fis-sena 1979, il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, irrestawra diversi nkwatri tal-pittura li llum huma miżmuma fil-Mużew tal-Iskultura. Barra dan, Pawlu, huwa l-pittur tal-pittura kollha li llum hemm fil-knisja Rotunda tax-Xewkija. Bejn l-1978 u l-1980 pinġa u tpoġġew f'posthom is-sitt inkwatri li jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta' San Ġwann Battista. Il-Kurċifiss u ż-żewġ inkwatri laterali li jirrappreżentaw, wieħed lil San Ġwann Evanġelista ma' Marija Addoloradta u l-ieħor juri lil San Ġwann Battista li ħabbar lil Kristu bħala l-Ħaruf ta' Alla, huma wkoll xogħol artistiku tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi. Dawn saru ftit qabel ma dħalna fis-seklu 21. Id-disinn tal-pittura li hemm fuq l-*istained glass* tal-loġoġ tal-knisja huma wkoll tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. L-*istained glass* li nħadem mid-Ditta Taljana, *Domus Dei,* jirrappreżentaw: a) il-Glorja ta' San



Ġwann Battista, b) Kristu u Ġwanni mħabbra mill-Profeti, ċ) Iż-Żjara ta' Marija lil Eliżabetta, u tpoġġew f'posthom fis-snin 2008/9. L-aħħar xogħol artistiku ta' Pawlu fil-knisja tax-Xewkija huma erba' pitturi tal-erba' Evanġelisti. Dawn tpoġġew, tnejn fuq il-bieb li mill-knisja jagħti għas-sagristija, u tnejn fuq il-bieb li jagħti għall-Mużew tal-Iskultura.

Fost ix-xogħolijiet tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fil-knisja rotunda tax-Xewkija, insibu l-istatwa tar-Redentur. Din ħadet post l-istatwa li kien għamel missieru, Wistin, u żżanżnet fis-sena 1985. Statwa oħra ta' Alfred hi dik ta' Kristu Rxoxt, u żżanżnet fis-sena 2008. Anki Michael Camilleri Cauchi għandu xi xogħlijiet ix-Xewkija. Fl-1979 irrestawra l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u mhux l-ewwel darba li rrestawra l-istatwi tal-Passjoni li jinsabu ix-Xewkija. Restawr minn Michael Camilleri Cauchi sar fuq l-istatwi ta' San Ġużepp, Sant'Antnin, u Sant'Indrija. Barra dan, Michael, għandu statwa ta' San Ġwann Battista għall-festi ta'barra. Din tbierket fis-sena 2004, u tittella' fi Triq il-Kbira (ħdejn il-Ġibjun) wara marċ biha. Michael ħadem ukoll l-istatwa ta' San Ġwann Battista li fl-1984 intbagħtet l-Awstralja biex tintuża fil-festa li tiġi ċċelebrata Mellbourne mill-Kumitat Xewkija Australian Association ta' Melbourne.




***Riferenzi:***

*Id-Devot ta' Marija:* Lulju, 1912, 1913.

*Il Messaggiere di Maria:* Lulju, 1912.

*Malta Tagħna:* 13/07/1912.

The Times of Malta & Progress: 6/5/1927.

*Arkivju Parroċċa Xewkija:* Lib., Esito della Ven. Lampada della Chiesa Parr. Casal Xewkija 1891-1959.

Patri Serafin Borg: Ix-*Xewkija fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti Tagħha*, 1978, *Niċeċ f'Għawdex* (diversi kittieba),1987.

Grech Grazio A.: *Ġrajja tas-Soċjetà Filarmonika Leone, Għawdex*, 1988, pp. 82-5; *Il-festa ta' San Ġwann - Ħamsin sena ilu - 1945*, fil- *Gorgion, 1995.*

*Gorgion:* Diversi ħarġiet.

*Gazzetta tal-Gvern*, 26/1/1923.

*Ark. Soċ. Filarm. Leone*, Libro Sedute 1900-28, seduta 3/7/1903.

*Ħajr:* Ġanni Caruana, Wenzu Zammit Haber.

*Ritratti*: Anthony Grech.


Ritratti:

1. San Ġwann (iċ-Ċavett) ta' W. Camilleri
2. Disinn tal-Pedistall (Ħajr W. Zammit Haber)
3. San Ġwann jgħammed lill-Kristu ta' W. Camlleri
4. Waħda mill-Pitturi ta' Pawlu Camilleri Cauchi
5. Ir-Redentur ta' Alf. Camlleri Cauchi
6. San Ġwann ta' Michael Camilleri Cauchi